Laqgħa tal-Kunsill Lokali Għajnsielem

MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL
L-GHAXAR KUNSILL
SEDUTA NRU. 8 – It-Tnejn 13 ta' Jannar 2025 fl-4:00 ta' wara nofsinhar.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali nhar – It-Tnejn 13 ta' Jannar 2025 fl-4:00 ta' wara nofsinhar .

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Joseph Debono | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| | |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**8.1 Talba**

8.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

**8.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

8.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

**8.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

8.3.1 Ma kien hemm ittri ta' apologija.

**8.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

8.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal laqgħa li saret ma' Ms Naomi Galea, Manager tal-Kultura Reġjun Għawdex u Elyse Tonna, Direttur Artistiku aktar kmieni illum fejn ġew diskussi s-sehem tal-Kunsill u lokalita t'Għajnsielem bħala parti mill-attivitajiet t'Għawdex bħala ir-Reġjun tal-Kultura 2025. Kien hemm qbil li Għajnsielem għandu joħroġ il-karatteristiċi tal-istorja tiegħu speċjalment fl-attivita tal-ftuħ nhar is-Sibt 1 ta' Frar kif wkoll matul is-sena isir aċċenn lil Għajnsielem bħala il-villaġġ tal-Milied u dak kollu li għandu x'jaqsam mal-arti tal-presepju. Is-Sindku ressaq wkoll proposta li jsir presepju t'Għajnsielem b'xenarju mill-lokalita u persunaġġi Għajnslemiżi. Waqt il-laqgħa

Ms Galea u Ms Tonna stqarrew li proġett ta' dan it-tip għandu jiġi ffinanzjat jew minn skemi tar-reġjun jew tal-GAGF meta jkunu disponibbli. Ġew diskussi wkoll temi oħrajn fostom ktieb għat-tfal tal-iskola u elementi mill-Festa tradizzjoni tar-raħal. Waqt il-laqgħa ġiet diskussa l-proposta li ssir attivita fl-aħħar ta' Jannar jew l-1 ta' Frar 2025 bħala inawgurazzjoni tas-sena tal-Kultura 2025. Sar qbil li għandna norganizzaw wirja ta' ritratti antiki fil-Librerija u Ċentru Marittimu tagħna.

8.4.2 Is-Sindku għamel referenza għad-diskussjonijiet mas-Sur Angie Bonello li qed jippjana sabiex jagħmel play b'xenografija ta' żfin u mużika u b'tema marbuta mal-Ġimgħa Imqaddsa f'Għajniselem. Il-post għadu mhux konfermat u bħala Kunsill nistgħu nikkollaboraw fil-logistika u anke permezz tal-ħaddiema tagħna.

8.4.3 Is-Sindku għamel referenza għal-laqgħa li kellu mal-Artist Lokali Mark Xuereb fejn ra x-xogħol sabiħ u artistiku tiegħu magħmul mit-tafal inkluż tafal mix-Xatt l-Aħmar fl-istudio li għandu fil-Pjazza tad-Dehra. Huwa rrakkommanda li l-Kunsill għandu jikkunsidra li kull artist lokali jkollu monument artistiku f'wieħed mill-ispazju pubbliċi li għadna f'Għajnsielem, idejalment marbut ma' tema partikolari. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u li għandna nagħtuhom post f'kull proġett li nwettqu.

8.4.4 Is-Sindku għamel referenza għal vandaliżmu li reġgħa kien hemm fuq l-bankijiet ta' quddiem il-każini fil-ġranet tal-Milied. Huwa propona li għandu jiġi kkunsidrat ftehim mal-Arċirpiet li jsiru CCTVs man-naħa tar-radju u jħarsu lejn il-każini. Sar rapport mal-pulizija u mill-cameras jidhru li huma tfal fis-sigħat bikrin ta' filgħodu u qed jagħmlu ħafna vandaliżmu. Il-każ qed jiġi trattat mill-Pulizija.

8.4.5 Is-Sindku għamel referenza għal Feature li ser jidher fuq it-Times of Malta dwar l-ispeeding fit-triq tal-Imgarr. Fil-feature ser tidher intervista mas-Sindku Kevin Cauchi u mal-kunsillier residenti f'din it-Triq, Stephen Mercieca, kif ukoll xi residenti.

## 8.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera

8.5.1 Il-kunsillier Stephen Mercieca għamel referenza għat-talba sabiex il- Bus Stop li hemm taħt it-tieqa tas-sorijiet fi Triq il-Mogħdija peress li qed tkun ta' nkonvenjent għal x'ħin ikun hemm in-nies jistennew. Huwa talab hux possibli li tiċċaqlaq bi ftit metri. Sar qbil li għandna nressqu din it-talba lil Transport Malta.

8.5.2 Il-kunsillier Stephen Mercieca fakkar fil-ħtieġa biex titranġa l-parti fejn twessgħet Triq Baħħara. Is-Sindku Kevin Cauchi rrispondih li saret talba mal-Ministeru għal Ghawdex u l-Ippjanar għal manutenzjoni tagħha anke li ta' lanqas titwitta' bir-romblu.

8.5.3 Il-kunsillier Teddy Saliba għamel referenza għall-parkeġġi llegali li qed isiru fil-Pjazza u quddiem il-Każini quddiem double yellow lines u quddiem rampi u jostakolaw l-aċċess speċjalment għal persuni b'diżabilita' u pushchairs. Huwa talab sabiex nitolbu għal enforcement speċjalment fil-weekend.

8.5.4 Il-kunsillier Teddy Saliba talab sabiex issir rampa żgħira quddiem residenza fi Triq Simirat biex ir-resident ikun jista jtella' l-mutur. Sar qbil li għandna ninkarigaw lill-ħaddiema tagħna sabiex iwettqu din il-biċċa xogħol.

8.5.5 Il-Viċi Sindku Joseph Debono rrefera għal żewġ tabelli li tgħawwġu ħdejn il-linef tal-Milied fi Triq Fawwara.

8.5.6 Il-Viċi Sindku Joseph Debono għamel referenza għad-dlam li hemm fi Triq Hamri quddiem l-iskola l-qadima. Sar qbil li għandna niċċekjaw u naraw xi ħtieġa hemm.

8.5.7 Il-Kunsillier Stephen Mercieca faħħar il-ħidma tal-Kunsill u stqarr li jirċievi ħafna kummenti li jikklassifikaw lil Għajnsielem bħala l-isbaħ villaġġ.

**8.6 Korrispondenza**

8.6.1 Ġiet trattata l-istedina mingħand Snookers Għajnsielem għat-tqassim tar-rebbieħa tal-Kampjonat li ser issir nhar il-Ġimgħa 24 ta' Jannar 2025 fis-7:30pm. Il-Kunsill huwa mistieden.

8.6.2 Ġie diskuss il-Quarterly Report għax xhur t' Ottubru-Diċembru 2024. Il-Kunsill qabel mal-kontenut.

8.6.3 Ġew imħabbra r-riżultati tal-Kompetizzjoni Milied. Sar qbil li r-rebbieħa għandhom jitħabbru fuq il-Facebook u l-Premjazzjoni ssir fil-laqgħa li jmiss.

8.6.4 Ġiet trattata t-talba mingħand resident għal mera fi Triq Sant' Indrija quddiem ir-residenza tiegħu. Jidher li m'hemx arblu u għalhekk jinħtieġ li nitolbu l-permess tar-resident li ser titwaħħal il-mera quddiemha.

8.6.5 Ġiet trattata t-talba sabiex isir sinjal isfar kif toħroġ mill-parkeġġ tal-Imġarr Heights, Triq Żewwieqa. Sar qbil li għandna nressqu talba lil Transport Malta permezz tal-Administration ta' dan il-kumpless.

8.6.6 Ġiet trattata t-talba għal sinjal isfar quddiem First and Last Bar biex jiġi estiż sabiex vettura minn garage ta' fond ġdid fi Triq Sant Indrija jkun aċċessibli għaliex fil-preżent ma tistax tidħol jew toroġ karozza minnu. Jekk inzidu s-sinjal b'metru u nofs ma jkunx jista jitpoġġew vetturi li jistgħu jkunu ta' ostaklu. Il-Kunsill approva li għandu jressaq din it-talba.

8.6.7 Harġet sejħa għall- Kunsill tat-tfal li se jkun immexxi mill-Fondazzjoni 'Rights' mmexxi mill-President Emeritus Marie Louis Coliero Preca. Dan il-Kunsill qiegħed jiġi mwaqqaf f'kull raħal u l-skop hu li t-tfal tagħna jespriu l-opinjonijiet tagħhom dwar il-lokalità. L-ewwel laqgħa' ser issir fit-30 ta' Jannar. Is-Sindku ħeġġeġ lil kull kunsillier biex ikun preżenti għal din l-ewwel laqgħa.

8.6.8 Ġie diskuss is-sinjal l-isfar ta' quddiem ħanut li ma għadux jintuża fi Pjazza Madonna ta' Loreto sabiex jiġi rrikunsidrat biex jinterbaħ parkeġġ ġdid. Is-Sindku

propona li nistgħu nerġgħu nikkunsidraw it-tfassil tal-parking bays bil-għan li jistgħu jidħlu aktar parkeġġi.

**8.7 Wara il-Milied u Bethlehem f'Għajnsielem 2024**

8.7.1 Is-Sindku rrefera għall-attivitajiet u programm tal-Milied f'Għajnsielem li għal darb'oħra kienu ta' suċċess kbir. Huwa spjega kif kellna xahar ippakkjat bl-attivitajiet u tiżjin mill-isbaħ kif ukoll jidher li Bethlehem f'Għajnsielem kien hemm attendenza tajba ħafna u din is-sena mid-donazzjonijiet kien fadal €14,185 li huwa ammont ferm għola minn l-edizzjonijiet ta' qabel. Il-Kumitat Bethlehem f'Għajnsielem qabel li dan sar esperiment fejn l-Għaqda (Sinfonia del Sol)– tieħu ħsieb id-donazzjonijiet u żżomm 20% minnhom li jintuzaw b'riżq il-Festa titulari.

8.7.2 L-attivita' tas-Slaten Maġi, li saret nhar l-4 u 5 ta' Jannar, wkoll kienet suċċess fejn kien hemm konkorrenza tajba u anke kienet esperjenza sabiħa tas-Slaten Maġi li żaru il-Palazz tal-President, ħabs ta' Kordin u Dar il-Providenza, Ħal Qormi, Mġarr, Mellieħa u għal ewwel darba id-djar tal-anzjani ta' San Ġużepp f'Għajnsielem.

**8.8 Wara l-Permessi PA 02454/16 u PA 03884/23**

8.8.1 Saret referenza għall-Bord tad-Deizzjoni li sema' l-Permessi PA 02454/16 u PA 03884/23 u għal fatt li ġew approvati b'5 favur u 2 kontra. Dakinhar permezz tal-vot tiegħu, il-Kunsill Lokali Għajnsielem ivvota favur dawn iż-żewġ applikazzjoniet kif maqbul fil-laqgħa tal-Kunsill li saret fl-10 ta' Dicembru 2024.

8.8.2 Is-Sindku rrefera għal kontraversja kbira li nqalgħet dwar din l-approvazzjoni u anke għamel referenza għall-kritika kbira rigward id-deċiżjoni tal-vot li ża il-Kunsill. Huwa spjega kif l-NGO's qed jappellaw minn dan il-vot speċjalment minħabba ir-rilokazzjoni tal-barracks tal-ingliżi fejn qed jinsistu li din għanda tibqa fl-istat oriġinali tagħha. Il-barracks tal-ingliżi mhumiex skedati bħal siti oħra storiċi fl-istess Fortizza u għalhekk is-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali tat il-gwida dwar l-aħjar mod kif għanda issir ir-rilokazzjoni u r-rikostruzzjoni tal-istess barracks tal-Ingliżi.

8.8.3 Madanakollu, l-NGOs jemmnu li dawn jistghu jiġu ssalvagwardjati b'mod aħjar permezz ta' skedar u għalhekk il-Kunsill laqgħa it-talba ta' Din l-Art ħelwa sabiex jisma il-proposti dwar għaliex għandu jkun hemm l-skedar tal- Barracks tal-Ingliżi.

8.8.4 Preżenti għal-laqgħa kien hemm is-Sur Luke Said u virtwalment ingħaqad magħna s-Sur Daniel Cilia li taw spjegazzjoni sħiħa dwar l-istorja tal-barracks u l-proposta tal-iżviluppaturi. L-NGOs qed jinsistu dwar l-importanza li dawn il-barracks għandhom jiġu skedati għal fatt ukoll li s-86 barracks oħra li jeżistu f'Malta huma kollha skedati u l-unika waħda li ma kinitx skedata hija din ta' Għawdex. Fil-fatt fis-sena 2022 l-NGOs issottomettew applikazzjoni biex din tiġi skedata. Wara talba li huma ssottomettew għar-rescheduling is-sena l-oħra, il-każ ma tawx kasu u ġie case magħluq. Li qed isir issa huwa li qed jippreparaw dokument ġdid ibbażat fuq-Cultural Heritage Act u qed jinġabru l-firem.

8.8.5 Wara li spiċċat il-konsultazzjoni, il-Kunsill ddiskuta fit-tul x'pożizzjoni għandu jaddotta f'dan ir-rigward. Il-Kunsill qabel unanimament li wara li għarbel is-sitwazzjonijiet kollha qabel li għandu jappoġja it-talba tal-NGOs għal;-iskedar tal-Barracks tal-Ingliżi. Sar qbil wkoll li għandu joħroġ din l-istqarrija li ġiet imfassla waqt il-laqgħa:-

8.8.6 "Stqarrija:-

Fid-dawl tad-diskussjoni li kompliet timmatura fosthom permezz ta' laqgħat mal-NGOs, il-Kunsill Lokali Għajnsielem se jkun qed jappoġġja t-talba li qed issir minn Din l-Art Helwa, Għawdix, u Wirt Għawdex sabiex il-barracks ta' l-Ingliżi jiġu skedati (protetti).

Id-deċiżjoni li ħa l-Kunsill Lokali Għajnsielem f'Diċembru li għadda fejn ivvota favur il-pjan tat-tielet u l-aħħar fażi tal-proġett kienet ibbażata fuq numru ta' konsiderazzjonijiet fosthom:

- Il-bini storiku bħad-daħla tal-Forti, id-Dar tat-Tabib, in-Naval Bakery, il-Barrakka tal-Kavallieri u ż-żona tal-Polverista huma ppjanati li jiġu restawrati;
- Il-fatt li permezz ta' dan l-iżvilupp jidher li finalment se jibda jsir xi forma ta' intervent jew azzjoni sabiex parti mis-swar li jinsab f'periklu imminenti li jaqa jiġi salvat u rrestawrat;
- Il-konsorzju mill-bidu nett offra sabiex il-Kunsill Lokali t'Għajnsielem ikun involvut fid-diskussjonijiet dwar l-użu tal-foss bħala spazju miftuħ għal pubbliku filwaqt li qed jiġi diskuss ukoll suġġeriment tal-Kunsill sabiex parti minn dan l-ispazju ikun speċifikament għal użu ta' tfal bi' bżonnijiet speċjali;
- L-investiment f'faċilitajiet turistiċi se jkun ta' benefiċċju għal Għajnsielem;
- Fil-preżent il-Kunsill għandu problema dwar il-mod kif qed jinġabar l-iskart minn Forti Chambray. Għaddejin diskussjonijiet mal-konsorzju sabiex fl-iżvilupp il-ġdid ikun hemm sistema ta' ġbir ta' skart li tagħmel sens għal żona ta' dan id-daqs.
- Il-fatt li Forti Chambray ilu aktar minn 20 sena fi stat ta' kostruzzjoni, l-Kunsill ħass li finalment, bit-tlestija tat-tielet fażi ta' Forti Chambray, dan is-sit ikun lest u miftuħ għal pubbliku. Fil-preżent, il-poplu t'Għajnsielem m'għandu ebda aċċess u mhu jgawdi xejn minn dan il-post storiku.

Fil-kuntest tal-pjan propost u l-fatt li l-barracks tal-Ingliżi ma' kinux skedati, l-Kunsill mexa mar-rakkomandazzjoni tas-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali dwar l-aħjar mod kif għanda issir ir-rilokazzjoni u r-rikostruzzjoni tagħhom. Madanakollu, jekk dawn Barracks jistgħu jiġu aktar protetti u mħarsa, l-Kunsill se jagħti l-appoġġ tiegħu.
Fiċ-ċirkustanzi tal-mod kif żviluppat il-fortizza matul is-snin, Forti Chambray xorta għadu biċ-ċans li jkun ta' benefiċċju għal kommunita' permezz tat-tgwadija tal-wirt storiku minn kulħadd u fl-istess waqt ikun ta' attrazzjoni għall-investiment ġdid inkluż dak turistiku."

### 8.9 Laqgħa mal-Isqof bħala parti miż-Żjara Pastorali

8.9.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għaż-żjara pastorali f'Għajnsielem mill-Isqof ta' Għawdex Anton Theuma. L-Arċipriet informana li l-Isqof jixtieq jiltaqa' mal-

Kunsill Lokali Għajnsielem nhar l-10 ta' Frar 2025 at 7:00pm fl-Uffiċju tal-Kunsill. Il-Kunsill ikkonferma l-appuntament.

**8.10 Attivitajiet li jmiss Karnival, St. Patrick's u Għid**

8.10.1 Is-Sindku ta update dwar l-attivitajiet li ġejjin u l-iskemi relatati magħhom.

8.10.2 Għall-attivita' tal-Ballu tal-Karnival ħadna s-somma ta' €1500 mingħand il-Ministeru għal Għawdex.

8.10.3 Bħala logistika ta' l-attivita' sar dan il-qbil:-

- L-attivta' ser issir nhar is-Sibt 1 ta' Marzu 2025 fis-7pm.
- Qed nistennew risposta wkoll mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għal aktar Fondi
- Se tinħadem mal-għaqdiet tal-Festa
- Sar qbil li l-attivita' ssir f'forma ta' ballu tal-familja b'danza hilarious minn grupp ta' zgħazagħ minn Ghajnsielem, daqq mid-DJ Alex Grech, kompetizzjonijiet għall-isbah kostum tat-tfal u dawk ta' familja. Sar qbil ukoll li għandha tinxtara wkoll candy floss machine sabiex tintuza għal din l-attivita' u f'attivijtajiet oħra simili li jkun hemm il-prezenza tat-tfal.

8.10.4 ST PATRICKS 2025 - Is-Sindku bi pjaċir ħabbar li għal darb'oħra għal din l-attivita' ingħatajna s-somma ta' €8,000 mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

8.10.5 Bħala loġistika għal din l-attivita' sar qbil kif gej:-

- L-attivita se ssir 17 ta' Marzu 2025 mis-2:30pm 'l quddiem fi Triq J F De Chambray quddiem il-Każin tal-Football.
- Bħala Bands sar qbil li għandna nġibu lill –Irish Folk, Out of the Blues, Divine Sinners, Straight Ahead u Cash & Band. Bħala attrazzjonijiet u tizjin nimxu fuq is-snin preċedenti.
- Sar qbil li għandna nitolbu lill-Farsons għal sponsor ta' din l-attivita'.
- Sar qbil li bħala sound jieħu ħsiebu HighEnd bl-istima ta' €1300 filwaqt li dawl qed nistennew kwotazzjonijiet.

8.10.6 L-GHID 2025- Is-Sindku għamel referenza għal fatt li fl-10 ta' Jannar għalqu n-nominazzjonijiet għal attivitajiet tal-Għid. Din is-sena f'Għajnsielem se jkun hemm Wirja 'Sitio' fil-Każin tal-Banda, Kunċert ta' Mużika Sagra mill-Alljievi tal-Banda fil-Knisja il-Qadima, l-Erbgħa tat-tniebri kif wkoll 'Easter Treature Hunt' f'Ta' Passi b'kollaborazzjoni mas-'Sinfonia del Sol' b'applikazzjoni mal-Culture Events Fund. Ġejna infurmati mit-team ta' bethlehem f'Għajnsielem li is-Salib fil-Pjazza din is-sena mhux ser isir.

## 8.11 Approvazzjoni tal-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-istaff tal-Kunsill

8.11.1 Is-Sindku Kevin Cauchi preżenta l-Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber. Huwa propona li s-Sinjura Haber tingħata l-Performance Bonus massimu ta' 10% tas-salarju tagħha peress li twettaq xogħolha tajjeb ħafna u b'dedikazzjoni kbira kemm lejn il-Kunsill kif ukoll lejn iċ-ċittadin. Hu spjega kif hi taħdem bi professjoni f'dawk li huma applikazzjonijiet ta' skemi u tmexxija tal-Proġetti tal-Unjoni Ewropea li jirrikjedu dedikazzjoni u responsabilita' kbira. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma' dan u li għandha tingħata l-massimu bil-qawwa kollha. Is-Segretarja minn naħa tagħha rringrazzjat minn qalbha lill-Kunsill tal-fiduċja li għandhom fiha u tal-apprezzament ta' xogħolha u sens ta' teamwork li jaħdmu bih u li dan kollu jimmotivaha għal ħafna aktar ħidma.

8.11.2 Fir-rigward tal-istaff, is-Segretarju Eżekuttiv proponiet li għandhom jingħataw il-Performance Bonus massimu dak ta' 6% għax xogħol impekkabbli li jwettqu. Il- Kunsill qabel unanimament ma' dan.

## 8.12 Approvazzjoni tal-Pagamenti

Giet prezentata l-iskeda tal-pagamenti numru 139 ghall-approvazzjoni. L-iskeda giet approvata.

## 8.13 Materji oħra

Hatra ta' Bord evalwazzjoni offerta Lattrina Pubblika Mgarr- Gie deciz li bhala Bord tal-Ghazla ghandu jkun kompost mill-Avukat Joshua Grech, is-Sur William Sultana, l-Inginier Mario Cauchi , is-Sindku Kevin Cauchi u s-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber.

## 8.14 Approvazzjoni tal-Pagamenti

8.14.1 Ġiet approvata skeda numru 139 għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

## 8.15 Tmiem tal-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fis-6:45pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 19 ta' Frar13 ta' 2025 fl-4:00pm.

*Kevin Cauchi*
*Sindku*

*Lucienne Haber*
*Segretarju Eżekuttiv*